VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,858, 5 ta' Settembru, 2017
Taqsima B

A.L. 224 tal-2017

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2017 dwar id-Drittijiet li jitħallsu għat-Trobbija u ż-Żamma tal-Majjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2017 dwar id-Drittijiet li jitħallsu għat-Trobbija u ż-Żamma tal-Majjali.

Miżati li għandhom jitħallsu.

2. Għandhom jitħallsu lid-Direttur responsabbli għas-Servizz Veterinarju l-miżati li ġejjin għas-servizzi li ġejjin:

Drittijiet li jitħallsu għat-Trobbija u ż-Żamma tal-Majjali

Miżata annwali għall-ħruġ ta' liċenza lil min inissel majjali	€15 kull liċenza
Miżata annwali għall-ħruġ ta' liċenza lil min isemmen il-majjali	€15 kull liċenza
Miżata annwali għall-ħruġ ta' liċenza lil min inissel u jsemmen il-majjali	€15 kull liċenza
Miżata annwali għall-ħruġ ta' liċenza għal razzett tal-majjali	€10 kull liċenza
Miżata għall-ħruġ ta' liċenza ta' darba għall-majjali miżmuma bħala annimali domestiċi	€35 kull liċenza għal kull majjal miżmum bħala annimal domestiku